# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 12**

**Rikors numru 38/18 AF**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Martino Aiello**

**Il-Qorti:**

1. Dawn il-proċeduri bdew permezz ta' riferenza kostituzzjonali li ordnat il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April, 2018 sabiex tkun imwieġba d-domanda:

> *"jekk bl-użu fil-ġuri kontra l-akkużat appellat Martino Aiello tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija fid-19 ta' Ottubru, 2014 jiġix leż id-dritt tal-istess Martino Aiello għal smigħ xieraq sanċit permezz tal-artikolu 39(1)(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1)(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Liberatjiet Fundamentali"*.

2. L-appellant isostni li l-istqarrija li ta fid-19 ta' Ottubru, 2014 m'għandhiex isservi ta' prova kontrih. Stqarrija li f'partijiet minnha hi *self incriminating*.

3. B'sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' Mejju, 2017 ġie ddikjarat li l-istqarrija li kien ta Aiello lill-pulizija fid-19 ta' Ottubru, 2014 ma kinitx ammissibbli bħala prova fil-ġuri peress li meta ngħatat l-akkużat Aiello ma kienx assistit minn avukat. L-Avukat Ġenerali appella minn dik id-deċiżjoni, u b'digriet mogħti fid-9 ta' April, 2018 il-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat riferenza kostituzzjonali sabiex tkun deċiża d-domanda fuq riprodotta.

4. L-appellant għandu proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti Kriminali li fihom akkużat:

> *"(1) fit-18 ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Erbatax (2014) u matul l-ahhar sitt xhur qabel din id-data, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'Malta (il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha) kontra d- disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni.*
>
> *"(2) fit-18 ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Erbatax (2014) u matul l-ahhar sitt xhur qabel din id-data, importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.*
>
> *"(3) fit-18 ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Erbatax (2014) kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall esportazzjoni mahrug skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d- droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienux awtorizzati bir-*

*Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern Fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad- Dipartiment tas-Sahha Ii jkollu dik id-droga li ma gietx fornita lilu ghall- uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan illi c- cirkostanzi li fihom instabet din id-droga juru Ii dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.*

*"(4) matul is-sitt xhur qabel it-18 ta' Ottubru tas sena Elfejn u Erbatax (2014), senjatament f' Mejju u f'Gunju 2014, forna, biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellu l-licenzja mill- Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kien awtorizzat bir- Regoli ta'l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizazzjoni ghall- esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja Ii jipprokura l-istess droga"*.

5. B'sentenza tas-17 ta' Ottubru, 2019 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ddeċidiet li l-appellant ma kienx irnexxielu juri li ser iġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq bl-użu fil-ġuri kontra tiegħu tal-istqarrija li ta fid-19 ta' Ottubru, 2014. Wara li l-ewwel Qorti għamlet riferenza għall-ġurisprudenza (inkluż is-sentenza **Beuze v il-Belġju** tal-QEDB), osservat:-

*"Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża li għandha quddiemha llum, din il-Qorti hija tal-fehma li ma ġiex muri li bl-użu tal- istqarrija tiegħu fil-ġuri kontra l-akkużat ser jiġi mittiefes id- dritt tiegħu għal smigħ xieraq.*

*"Qabel xejn, din il-Qorti tgħid illi ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet tajbin li jżommu lill-akkużat milli jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jagħti l- istqarrija. L-uniku raġuni li Martino Aiello ma setax ikun mgħejjun minn avukat kienet li, dak iż-żmien, il-liġi ma kienitx tippermetti li l-akkużat ikun hekk mgħejjun f'dak l-istadju imma seta' jikkonsulta ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni, xi ħaġa li mhux kontestat li Martino Aiello rrifjuta li jagħmel.*

*"Madanakollu, il-posizzjoni ġurisprudenzjali kurrenti turi li m'għadux il-każ li l-fatt waħdu li l-liġi ma kienitx tippermetti l- assistenza ta' avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, awtomatikament iwassal sabiex jinstab li kien hemm ksur tad- dritt għal smigħ xieraq, kif qiegħed jippretendi l-akkużat, imma din il-Qorti għandha tqis diversi fatturi qabel tasal għall- konklużjoni tagħha.*

*"Kif diġà ntqal, dan il-każ huwa kemmxejn differenti mill-każ ta' Aldo Pistella in kwantu li Martino Aiello kien fil-fatt irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ġie interrogat mill-Pulizija u assolutament ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni jew waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija...........*

*"L-akkużat naqas milli juri wkoll li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Fil-fatt, meta xehed quddiem din il-Qorti, tista' tgħid li ma semma xejn dwar iċ-ċirkostanzi tal-arrest tiegħu flimkien ma' martu mal wasla tagħhom hawn Malta. Martino Aiello la kien minorenni u lanqas kien ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilità fiż-żmien in kwistjoni. Lanqas jirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l- istqarrija kienu għalih intimidanti. L-istqarrija ngħatat volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, u ċioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. Lanqas ma ġie muri li l-akkużat ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ- ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Il-Qorti tinnota wkoll illi Martino Aiello ma qajjem l-ebda lment dwar l-istqarrija li kien irrilaxxja qabel ma ġie deċiż il-każ ta' Borg vs Malta imma huwa talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fl-imsemmija każ. Imma kif rajna, din il-ġurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l- istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*"Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità tal- prova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għall- preżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*

*"Finalment, il-Qorti tqis illi huwa indubbjament fl-interess pubbliku li jiġi investigat u imressaq sabiex jiġi ġudikat mill- Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali l-akkużat li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta".*

6. B'rikors preżentat fit-28 ta' Ottubru, 2019 l-appellant appella mis-sentenza fejn ilmenta li:-

i. Għal dak li jirrigwarda l-akkużi dwar dak li ġara fix-xhur ta' Mejju u Ġunju, 2014, huma bażati fuq l-istqarrija li ta fid-19 ta' Ottubru, 2014.

ii. Diversi kriterji tal-ġurisprudenza li tapplika għall-każ tal-appellant, ma kinux ikkunsidrati mill-ewwel Qorti.

iii. Il-vulnerabbilta` o meno tal-appellant hi biss waħda milli kriterji li l-Qorti kellha tikkunsidra. L-appellant qiegħed f'pajjiż barrani u dak jirrendih vulnerabbli.

iv. L-Artikolu 436 tal-Kodiċi Kriminali ma ġiex ikkunsidrat mill-ewwel Qorti.

v. Il-kontestazzjoni ssir fil-*pre-trial stage* u mhux quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Kumpilazzjoni.

vi. Fis-sentenza **Graziella Attard v. Avukat Ġenerali** din il-Qorti diġa` ddeċidiet li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali.

7. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li fid-19 ta' Ottubru, 2014 l-appellant ta stqarrija lill-pulizija. Fiha jingħad, *"M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova"*. Tagħrif ċar li ngħata lill-appellant u li bih kien jaf li għandu dritt ma jweġibx u dak li jgħid jista' jinġieb bi prova. Fiha wkoll dikjarazzjoni li l-appellant għamel l-

istqarrija volontarjament, mingħajr theddid jew biża', wegħdiet jew twebbil ta' xi vantaġġ. Fost'affarijiet oħra, fl-istqarrija l-appellant iddikjara li:

i. F'Mejju, 2014 kien ġie Malta bil-catamaran minn Sqallija, darbtejn b'negozju u darba bid-droga;

ii. F'Ġunju, 2014 reġa ġie Malta bil-catamaran, darbtejn fuq negozju u darba bid-droga;

iii. Meta l-pulizija waqfu fit-18 ta' Ottubru, 2014 għall-ħabta tal-10.30 pm, instabu erba' kilos droga u li s-sieħba tiegħu ma kinitx involuta.

8. Waqt il-kumpilazzjoni, l-Ispettur Herman Mula xehed (seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014) li spjega lil Aiello kif l-istqarrija ittieħdet *".... wara li jiena erġajt wissejt lill-imputat u irrifjuta li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni"*. Fil-fatt ix-xhud ippreżenta wkoll dikjarazzjoni li ffirma l-appellant, u miktuba bit-Taljan:

> *"Oggi, 19 Ottobre 2014, io Martino Aiello, detentore della carta d'identita Italiana con il numero AS4759564 sono stato arrestato dalla Polizia di Malta in connessione con una investigazione di droga, sono stato informato dal ispettore Herman Mula, che* ***ho il diritto di consultare privatamente con un avocato, o un procuratore legale, faccia a faccia, o via telefono per un massimo di un ora prima di essere interrogato*** *(art. 355 tal-Kap. 9).*
>
> *"Io sto dichiarando che rifiuto questo diritto"*.

9. Fiż-żmien rilevanti l-Artikolu 355AT(1) tal-Kodiċi Kriminali kien jipprovdi:

> *"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), pesuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha,* ***jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux iktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu****"*.

10. Għalhekk l-appellant ma kellux jedd li jkollu avukat preżenti waqt l-interrogatorju. Sussegwentement, il-liġi inbidlet sabiex tat id-dritt għall-prezenza ta' avukat waqt l-istqarrija.

11. Skont artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni:

> *"1. In the determination of..... any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair..... hearing....*
>
> *3. Everyone charge with a criminal offecne has the following minimum rights:.......*
>
> *(c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require"*.

12. L-istess jingħad fl-artikolu 39(1) u (6) tal-Kostituzzjoni.

13. Kienet għażla libera tal-appellant li rrifjuta l-assistenza ta' avukat qabel kien interrogat mill-pulizija. L-appellant fl-ebda stadju m'allega li kien ġie mħajjar jew mġiegħel li jirrinunzja għal dak id-dritt. Fir-rikors tal-appell argumenta:

> *"Fix-xiehda mogħtija minnu fid-9 ta' Jannar, 2019, quddiem il-Qorti Ċivili Prim'Awla (sede Kostituzzjonali), huwa stqarr li qabel ma rrilaxxxja l-*

*istqarrija ġie lilu spjegat li dakinhar seta' biss jingħata parir legali bit-telephone qabel l-istqarrija u mhux waqt l-istqarrija u għalhekk għażel li ma jikkonsultax ma' avukat".*

14. Pero` fid-dikjarazzjoni li l-appellant stess iffirma hemm dikjarat li kien infurmat li għandu d-dritt ukoll li jiltaqa' wiċċ imb'wiċċ ma' avukat u jkellmu qabel l-interrogazzjoni. Għaldaqstant, żgur li l-appellant ma jistax jilmenta li qabel l-interrogazzjoni ma kienx ingħata l-opportunita` li jikkonsulta ma' avukat jew li ngħata biss id-dritt li jkellmu permezz tat-telefon.

15. Il-qorti semgħet ir-recording tad-deposizzjoni, u m'huwiex veru li x-xhud qal li l-pulizija nfurmawh li għandu biss id-dritt li jkellem avukat permezz tat-telefon qabel l-interrogazzjoni. L-appellant spjega li kien infurmat mill-pulizija li kellu jedd jitkellem ma' avukat qabel iżda mhux waqt l-interrogazzjoni. Kompla li l-ġurnata kienet is-Sibt u li probabbilment l-avukat seta' jkellmu wkoll bit-telefon. Pero` fl-ebda ħin ix-xhud ma qal li l-pulizija infurmah li jista' jkellem avukat biss permezz tat-telefon. Id-dikjarazzjoni bit-Taljan li l-appellant iffirma hi l-aħjar prova li l-appellant ingħata l-opportunita` jitkellem ma' avukat wiċċ imb'wiċċ jew permezz tat-telefon. Dikjarazzjoni li fl-ebda stadju tal-proċeduri ma jirriżulta li saret xi kontestazzjoni dwarha.

16. Hu veru li kif kienet il-liġi fiż-żmien rilevanti, nies fil-posizzjoni tal-appellant ma kellhomx il-jedd ta' avukat waqt l-interrogazzjoni. Fil-fatt kien waqt dik l-interrogazzjoni li l-appellant ammetta li qabel it-18 ta' Ottubru, 2014 kien hemm darbtejn oħra meta huwa importa cannabis f'Malta matul ix-xhur ta' Mejju u

Ġunju ta’ dik is-sena. Għal dak li jirrigwarda t-18 ta’ Ottubru, 2014 l-appellant twaqqaf meta niżel bil-vettura minn fuq il-catamaran u d-droga nstabet wara tfittxija li l-pulizija għamlu fil-vettura. Għalhekk żgur li l-istqarrjia m’hijiex l-unika prova fir-rigward ta’ dak li ġara fit-18 ta’ Ottubru, 2014.

17. Il-Qorti m’hijiex ser toqgħod tispekula x’kien jagħmel l-appellant li kieku kien offrut l-assistenza ta’ avukat waqt l-interrogatorju. Il-fatt li rrifjuta li jkellem avukat qabel ta l-istqarrija ma jfissirx li kien ser jirrifjuta li jkollu avukat, kieku kellu l-opportunita`, li jassistih waqt l-interrogatorju.

18. Fil-każ **Beuze v il-Belġju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta’ Novembru 2018, il-liġi domestika relevanti ma kinitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni. F’dak il-każ ukoll ma kienx hemm raġuni impellenti għalfejn ma ngħatatx l-għajnuna ta’ avukat. Fil-każ tal-lum, l-Avukat Ġenerali argumenta li kien hemm *‘compelling reasons’* biex l-interrogazzjoni ssir malajr kemm jista’ jkun, peress li huwa daħħal droga f’Malta biex jgħaddiha lil ħaddieħor. Pero` r-raġunijiet impellenti jridu jkunu biex is-suspettat ma jitħallix jikkonsulta ma’ avukat. Dritt li dak iż-żmien f’Malta ma kienx jeżisti. Għalhekk hu evidenti li l-pulizija m’għamlitx eżerċizzju sabiex tiddetermina kienx hemm *‘compelling reasons’* li jiġġustifikaw li l-appellant ikun interrogat minnufih mingħajr l-assistenza ta’ avukat. Id-dritt li s-suspettat jitkellem ma’ avukat kien jeżisti biss qabel l-interrogazzjoni. Dan apparti li qabel l-interrogazzjoni l-appellant kien diġa` ngħata d-dritt li jkellem avukat, kif wara kollox kellu d-dritt skont l-Artikolu 355AT(1) tal-Kodiċi Kriminali. Għaldaqstant, żgur li ma jistax

jingħad li kienu jeżistu ċirkostanzi eċċezzjonali li l-appellant ma jitħallix jikkomunika ma' avukat sabiex issirlu l-interrogazzjoni minnufih.

19. Fis-sentenza li ngħatat mis-Sezzjonijiet Magħquda tal-Qorti Ewropea fid-9 ta' Novembru 2018 il-qorti qalet:

> *"120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see Ibrahim and Others, ... § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings ... ... ...*
>
> *"121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. ... ... ...*
>
> *"... ... ...*
>
> *"139. The stages of the analysis as set out in the Salduz judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case- specific decisions taken by the competent authorities.*
>
> *"140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the* ***question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings****, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention ... ... ... Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form ... and sometimes in greater detail ...*
>
> *"141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in Ibrahim and Others the Court consolidated the principle established by the Salduz judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those*

*stages and the relationship between them (see Ibrahim and Others, ... §§ 257 and 258-62).*

*“144. In Ibrahim and Others the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, ... § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court’s case-law on the right of access to a lawyer ... to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the Ibrahim and Others judgment, followed by the Simeonovi judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that Salduz had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the Dayanan case and other judgments against Turkey.*

*“145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced byrad the restriction on access to a lawyer (see Ibrahim and Others, ... § 265).......*

*“147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention ... ... ...*

*“148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.......*

*“150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court’s case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ... § 274, and Simeonovi, ... § 120):*

*“(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*“(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where*

> *an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
>
> *"(c)whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*
>
> *"(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*
>
> *"(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*
>
> *"(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
>
> *"(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*
>
> *"(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
>
> *"(i)the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*
>
> *"(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice".*

20. Hu fuq l-Istat l-obbligu li jagħti prova li fil-proċess kriminali kien hemm *overall fairness*. F'dan il-każ m'huwiex possibbli li jsir għal kollox l-eżerċizzju li ssemma fil-każ ta' Beuze għaliex s'issa l-ġuri għadu ma sarx.

21. L-istqarrija in kwistjoni m'hijiex l-unika prova għal dak li jirrigwarda x'ġara fit-18 ta' Ottubru, 2014. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura li fiha nstabet id-droga. Kif il-vettura niżlet minn fuq il-catamaran twaqqfet mill-pulizija li għamlu tfittxija u sabu d-droga fil-vettura. L-

appellant stess meta xehed fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2019 quddiem l-ewwel Qorti, qal li l-pulizija arrestawh meta kellu d-droga.

22. M'hemmx dubju li fil-każ in eżami m'hemmx l-iċken indikazzjoni li l-appellant, raġel ta' 49 sena, kien persuna vulnerabbli. L-appellant irrefera għall-fatt li hu persuna ta' nazzjonalita` Taljana f'pajjiż esteru. Pero` b'daqshekk ma jfissirx li kien vulnerabbli. Jista' jkun li f'Malta ma kienx jaf avukati lil min seta' jqabbad biex jagħtuh parir legali, madankollu ma kien hemm xejn x'iżommu milli jinsisti li jkellem avukat. Hu evidenti wkoll li waqt l-interrogazzjoni kien assistit minn interpretu. Il-Qorti ma tarax li l-appellant kien f'xi pozizzjoni differenti minn dik li kien ikun kull suspettat ieħor li qiegħed jiġi investigat dwar l-istess tipi ta' reati.

23. L-appellant tressaq b'arrest fl-20 ta' Ottubru, 2014 u dakinhar stess il-prosekuzzjoni ppreżentat l-istqarrija. L-appellant kellu opportunita` li jikkontesta l-awtentiċita` tal-istqarrija li ta lill-pulizija li nvestigawh, ukoll waqt il-kumpilazzjoni. Li l-appellant jargumenta li *".... huwa risaput li l-kontestazzjoni ta' provi ma ssirx quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-vesti tagħha ta' qorti istruttorja iżda fil-pre-trial stage"*, ma jfissirx li fl-istadju tal-kompilazzjoni ma kellux l-opportunita` li jiddikjara li qiegħed jikkontesta l-awtentiċita` tal-istqarrija u jispjega għalfejn. Dan in-nuqqas ma jagħtix wieħed x'jifhem li kien qiegħed iqies lilu nnifsu fi żvantaġġ meta għamel id-dikjarazzjoni. Hu veru wkoll li għandu l-jedd tas-silenzju pero` wkoll waqt il-kumpilazzjoni għandu pereżempju

l-jedd li jagħmel kontro-eżamijiet u jressaq xhieda. Lanqas ma jirriżulta li fi stadju viċin li għamel id-dikjarazzjoni, l-appellant talab li jirtira jew jibdel l-istqarrija.

24. L-istqarrija ma ttieħditx bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' liġi u kien ċertament fl-interess pubbliku li każ dwar traffikar ta' droġi f'Malta, ikun investigat u jittieħdu proċeduri kriminali dwaru.

25. M'hemm l-ebda indizju li l-appellant ġie mġiegħel jagħmel dik l-istqarrija. Fl-ebda stadju m'allega xi theddid jew wegħda biex għamilha.

26. Fir-rigward ta' paragrafu (g) m'hemmx dubju li l-prosekuzzjoni trid li dik l-istqarrija tintuża bħala prova importanti tal-ġuri li għad irid isir, u dan b'riferenza għal dak li ġara f'Mejju u Ġunju, 2014 peress li fl-istqarrija Aiello ammetta li kien hemm darbtejn oħra f'dawk ix-xhur meta kien diġa` importa droga f'Malta. Fatt li saret riferenza espressa għalih fl-att tal-akkuża. Għalkemm il-ġuri għadu ma sarx, hu evidenti li dik l-ammissjoni fl-istqarrija għandha importanza fil-proċess kriminali tant li saret riferenza għaliha fl-att tal-akkuża.

27. Inoltre, dwar dan il-każ għad irid isir il-ġuri. Għalhekk huma l-ġurati li ser jiddeċiedu jekk l-appellant huwiex ħati tal-akkużi li hemm kontrih. Madankollu, ser ikun l-imħallef li fl-indirizz li jrid jagħmel lill-ġurati ser jiġbor ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, kif ukoll ifisser ix-xorta u l-elementi

tar-reati rilevanti għall-każ. Hu l-imħallef li jagħmel *".... kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu"* (Artikolu 465 tal-Kap. 9).

28. Li hu żgur hu li f'dan il-każ l-appellant ingħata l-opportunita' li jitkellem ma' avukat, bit-telefon jew wiċċ imb'wiċċ, iżda irrifjuta. B'dak il-mod l-appellant ċaħħad lilu nnifsu mill-opportunita' li jkollu parir ta' avukat sabiex jipprepara ruħu għall-interrogazzjoni u sabiex jingħata tagħrif dwar il-vantaġġi u żvantaġġi li jitkellem jew jagħżel is-silenzju waqt l-interrogazzjoni. Dan meta kien jaf li waqt l-interrogazzjoni ma kienx ser ikollu l-assitenza ta' avukat preżenti. Dan apparti li kien infurmat b'mod ċar bil-jedd li jibqa' sieket u ma jweġibx iżda xorta agħżel li jwieġeb liberament. Madankollu xorta agħżel li jwieġeb għad-domandi li sarulu.

29. Fis-sentenza **Charles Steven Muscat v Avukat Ġenerali** tat-8 ta' Ottubru, 2012 il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

> *"31. Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Kif rajna, din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk għamilha b'libertà sħiħa. Ma hemm ebda xiehda u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Din il-libertà fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awto-inkriminazzjoni.*
>
> *"32. Relevanti wkoll il-fatt illi sakemm fetaħ il-kawża tallum fit-2 ta' Diċembru 2010 – wara li kienet magħrufa s- sentenza ta' Salduz – l-attur qatt ma fittex li jieħu lura l-istqarrija li kien għamel jew li jiċħad dak li qal fiha. Dan huwa sinjal li l-attur stess ma kienx qiegħed iħoss illi tqiegħed taħt svantaġġ inġust bl-istqarrija li, wara kollox, għamilha liberament.*

> *"33. Meta tqis ukoll illi l-attur għad irid igħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrija tal- akkużat; illi matul dan il-proċess l-attur sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill- ġurati bil-perikolu illi joqogħdu biss fuq l-istqarrija meta jiddeċiedu dwar ħtija, bla ma jqisu wkoll il-provi l-oħra, u illi l-imħallef saħansitra jista' jwissi lill-ġurati biex jiskartaw l- istqarrija jekk tinġieb xiehda – li ma tressqitx quddiem din il-qorti – li l-istqarrija ttieħdet bi vjolenza, b'qerq jew b'tehdid, din il-qorti hija tal-fehma illi ma ntwera ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq bit-teħid tal-istqarrija tal-attur mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat.*
>
> *"34. Bħala garanzija addizzjonali, din il-qorti sejra tordna illi kopja ta' din is-sentenza tiddaħħal fl-atti tal-proċess kriminali sabiex il-paragrafu ta' qabel dan jinġieb għall- attenzjoni tal-ġudikanti tad-dritt u tal-fatt."*

30. L-appellant għamel riferenza għas-sentenza **Graziella Attard v. Avukat Ġenerali** tas-27 ta' Settembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali ordnat li l-istqarrija ma kellhiex tintuża bħala prova:-

> *"10. ........ billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali, illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi,* ***in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat****".*

31. Pero` dak il-każ kien differenti peress li l-akkużata ma ngħatatx l-opportunita` li titkellem ma' avukat qabel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

32. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.

Tordna lir-Reġistratur sabiex kopja vera ta’ din is-sentenza titpoġġa fl-atti ta’ proċeduri (Ir-Repubblika ta’ Malta v. Martin Aiello – Att tal-akkuża 13/2015) pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm